MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Numru. 943/2005

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Mohammed Ali M Shanta, iben missier u omm mhux magħrufa, imwieled Zantan, Libja fit-3 ta' frar, 1983

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fit-13 ta' lulju, 2005 għal habta tas-2.00 a.m. ġewwa Triq Dragonara, Paceville, San Ġiljan, bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b'atti esterni, billi dolozament bil-ħsieb li jikkometti omiċidju jew li jqiegħed il-ħajja f'perikolu ċar ta' Elhiladi Walid Milad mill-Libja ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema tentattiv ta' omiċidju ma seħħ minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi volontarjament bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja fil-

perikolu ċar ta’ Elhiladi Walid Milad mill-Libja, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta’ l-istess Elhiladi Walid Milad u ikkaġunalu offiżi gravi kif iċċertifika Dr. M.C. Formosa M.D. u Dr. Michael Spiteri M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;

3. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi ħebb sabiex jinġurja jew jagħmel ħsara lill-istess Elhiladi Walid Milad;

4. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b’għajjat u bil-ġlied.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-18 ta’ april, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –

a. fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq il-ħtija ta’ din l-akkuża jew akkużi barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal ts-seduta tat-23 ta’ april, 2007 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ april, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 218, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------